**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 17 ta' Jannar, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 1165/2015 AF**

**Anjake Limited (C-7823)**

**vs**

**Ronald Robert Balani**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Ronald Robert Balani li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-società mittenti, tramite l-imsemmija ittra ufficjali qeda tinterpella lil esponent biex ihallas is-somma ta' mija u erbatax il-elf sitt mija disa u erbghin Euro u wiehed u tletin centezmu (€114,649.31) rappresentanti seba "promissory notes ossia cheques" bhala titoli esekutivi ghal esekuzjoni taghhom ghat-tenur tal-Artikolu 253(e) tal-Kap 12 tal-Kodici tal-Kummerc.

L-esponent jopponi ruhu ghat-talba tal-mittenti fost ragunijiet ohra ghal dawk segwenti.

L-Art 253(e) fuq imsemmi jirrendi titoli esekutivi Biils of Exchange u Promissorsy Notes biss u mhux ukoll cheques, liema tliet credit instruments huma distinti u indipendenti min xulxin kif ukoll regolati minn regoli differenti.

Il-mittenti fl-ewwel paragrafu tal-ittra taghha ippruvat tinkludi cheques bhal titoli esekutivi meta iddikjarat illi kienet qeda tipprezenta seba "promissory notes ossia cheques".

Fil-paragrafu sussegwenti tal istess ittra ufficjali il-mittenti tiddikjara illi din l-ittra kienet qeda tintbaghat ghat tenur tal-Art 253 (e) biex "tiddikjara illi kambjalijiet u promissory notes huma titoli esekutiv".

L-esponent jaqbel illi kombjalijiet u Promissory Notes huma titoli esekuttivi pero certament ma jaqbilx li dan huwa il-kaz riferibilment ghal cheques.

Dan jirrizulta mill-istess dikjarazjonijiet tal-mittenti maghmula fl-imsemmija ittra ufficjali meta kif inghad ippruvat tikwipara promissory note ma cheque u immedjatment wara tikkwota l-imsemmi Artikoli 253(e) billi issemmi Kambjalijiet u Promissory Notes.

Il-crux tal-kwistjoni huwa illi il-ligi tirreferi restrettivament w esklussivament ghal esekuzjoni ta' kambjali u promissory note u mhux ghal cheques li gew jesibiti mal-ittra ufficjali u kwindi it-talba kontenuta fl-ittra ufficjali hija infondata u insostenibili legalment peress l-Art 253/e ma jkopriex cheques.u ghalhekk it-talba tal-mittent ghandha tigi michuda.

Minghajr pregudizju ghal premess l-esponent jixtieq jirrileva illi f'termini legali kif provdut fil kodici kummercjali tezisti differenza sostanzjali bejn it-tliet instruments of credit cioè Bill of Exchange, Promissory Note u Cheque.

Illi kull wahda min dawn l-instruments of credit ghandha il-fatti speci u regoli taghha.

Hekk il-Bill of Exchange skond l-Artikolu 123 tal-Kodici tal-Kummerc ghandhu jkollha dawn il-partikularijiet cioè:

“It must be dated , and must specify the place where it is drawn , the sum to be paid , the name of the person who is to pay , and the name of the person to whom or to whose order payment is to be made, the time and place of payment , and the value given, whether in cash, in goods, in account or in any other manner, and must be signed by the drawer".

Id-differenza bejn Bill of Exchange u Promissory Note hija fundamentali fis-sens illi filwaqt li fil-kaz ta'Bill of Exchange id-drawer johrog il Bill of Exchange fuq terza persuna u mhux fuqhu, fil-kaz tal-Promissory Note din tinhareg fuq il-persuna stess li hargitha.

Ghaldaqstant dawn iz-zewg instruments of credit huma legalment u strutturalment distiniti ghalkemm koperti mill imsemmi Art. 253(e).

Ic-cheque ma jista qatt jigi ekwiparat ma Bill of Exchange jew Promissory Note kif qeda tittenta tghamel il-mittenti.

Fil-fatt cheque jinhareg fuq Bank, li jkollhu f’idejh flus tal-persuna li tohrog ic-cheque u dan ghandhu dejjem jigi onorat u imhallas meta jigi prezentat.

Fl-ahharnett ghal kull buon fini ghandhu jigi rilevat illi bejn il-partijiet hemm kawza pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet "Anthony Grech Sant u Anjake Ltd -vs- Ronald Robert Balani et "( Rik Nru 77/O5) fejn l-atturi qeghdin jallegaw li ghandhom jiehdu min ghand l-esponenti somma ta’ flus bhala rizulta ta' diversi operazzonijiet kummercjali li kellhom bejnithom matul diversi snin konsistenti f'diversi mutwi b'interessi li jikkostitwixxu uzura.

L-esponent f'dik il-kawza bil-procedura rikonvenzjonali talab il-hlas ta' somma bi ghandhom jghatuh l-atturi rizultat tal-imsemmija operazzjonijiet kummercjali b'mod li l-esponent huwa kreditur u mhux debitur tal-mittenti billi is-somma minnhu pretiza hija wisq akbar min dik reklamata mill-mittenti.

Din il-kawza tinsab pendenti quddiem din l-Onorabbli Qorti u hija differita ghar-rapport tal-periti nominati mill Qorti biex

jirrelataw dwar it-talbiet taz-zewg partijiet wara li kienu inghalqu il-provi kollha (Vide Dok X, Y u Z hawn annessi).

Intalbet din il-Qorti sabiex:

It-talba tal-mittenti ghandha tigi michuda peress li apparti li hija frivola u vessatorija hija ukoll legalment infondata u insostenibili.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Anjake Limited li permezz tagħha eċċepiet illi:

Fl-ewwel lok u in linea preliminari jinghad illi t-talba kif proposta ma ssegwix il-kriterji stabbiliti fil-ligi stante illi mhuwiex qieghed jintalba li l-ezekuzzjoni tigi sospiza in toto jew in parte u t-talba kif proposta hija differenti minn dik il-proposta mill-*proviso* tal-Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 tal-Ligi ta' Malta.

Fit-tieni lok, it-talba ta' Ronald Robert Balani hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda.

Fit-tielet lok, cheque huwa meqjus bhala *credit instrument* u huwa meqjus bhala *promissory note* u apparti dan, hemm diversi sentenzi li jsostnu li tista' wkoll titqies bhala kambjala u konsegwentement, l-ittra ufficjali kif proprosta tirrientra perfettament fil-kweziti tal-Kapitolu 253(e) tal-Kap .12.

Fir-raba' lok, il-fatti li ghamel referenza ghalihom ghalihom ir-rikorrenti ma jghidux il-verità kollha. Fl-ewwel lok mhuweix minnu illi hemm xi proceduri kriminali relattivi ghall-vertenza. Fit-tieni lok, huwa l-istess Ronald Robert Balani li oppona bil-qawwa li c-*cheques* in kwistjoni jifformaw parti mill-atti tal-kawza minnu citata u stante illi bhala *cheques* dawn huma indipendenti u awtonomi, dan certament mhuwiex kaz fejn l-esponenti qieghed jipprova jidhol mit-tieqa meta sab il-bieb maghluq. F'nifs wiehed Ronald Robert Balani qieghed jghid illi c-*cheques* mertu tal-ittra ufficjali in kwistjoni jifformaw parti mill-provi tal-kawza imsemmija u fl-istess nifs huwa stess

qieghed jopponi li dawn l-istess *cheques* jifformaw parti mill-provi tal-istess. Jekk hemm xi inkonsistenza jew vessatorjita hija naxxenti proprju mill-azzjonijiet tal-sitess Balani u mhux tal-esponenti.

Finalment, jekk wiehed jezamina bir-reqqa il-kweziti tad-dettalji ta' x'ghandu jkun fiha kambjala, wiehed immedjatament jirrealizza illi dawn huma pjenament sodisfatti anke fic-*cheques* innifishom u kif jigi pprovat aktar 'il quddiem waqt it-trattazzjoni tal-kawza, *cheque* jkun meqjus bhala jifforma wiehed mill-istrumenti ta' kreditu imsemmija fl-Artikolu 253 (e) tal-Kap. 12 kif definit fil-Kodici tal-Kummerc u kif anke interpretat u accettat mill-gurisprudenza nostrana.

Ghaldaqstant ir-rikors ghandu jigu michud bl-ispejjez.

Semgħet ix-xhieda prodotti.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat:

Din hija proċedura ai termini tal-artikolu 253(e) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili fejn kambjali jew *promissory notes* maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ jitqiesu bħala titoli eżekuttivi sakemm il-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew *promissory note*, b'digriet li ma jkunx appellabbli, ma tkunx issospendiet l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għall-garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-eżekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew *promissory note* eżegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet

oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna teżiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew *promissory note* tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

Mill-provi prodotti jirriżulta li s-soċjeta intimata Anjake Limited qiegħda tittanta li teżegwixxi sensiela ta' *cheques* li hija tgħid li huma ekwivalenti għall-*promissory notes*. Fir-risposta tagħha, hija tispjega li dawn jistgħu jitqiesu wkoll bħala kambjali. Da parti tiegħu, ir-rikorrent qiegħed jibbaża t-talba tiegħu fuq il-premessa li dawn iċ-*cheques* ma jammontawx la għall-kambjali u lanqas għall-*promissory notes* u li għaldaqstant, is-soċjeta intimata ma tistax titlob l-eżekuzzjoni tagħhom.

Kif ingħad minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-deċiżjoni tagħha fl-ismijiet Giovanni Briffa vs Ronald Azzopardi tal-5 ta' Frar 2008 dwar l-artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta:

> *"Illi minn qari akkurat ta' l-imsemmi sezzjoni jidher car li hemm zewg bazi ghaliex l-ezekuzzjoni tal-kambjala tista' tigi sospiza u cioè li l-firma ma tkunx tal-persuna jew mandatarju taghha u sekondarjament fejn dik il-persuna tressaq ragunijiet ohra gravi u validi ghall-oppozizzjoni ta' l-ezekuzzjoni. F'dak il-kaz il-persuna li tezigi l-hlas tkun trid tipprocedi b'kawza skond id-dispozizzjoni tal-Kodici tal-Kummerc. Il-ligi ma tispecifikax x'inhuma r-ragunijiet gravi u fil-fehma tal-Qorti dan ma sarx b'xi nuqqas tal-legislatur izda intenzjonatament ghax il-legislatur ried ihalli fid-diskrezzjoni tal-Qorti f'liema kazijiet ikollha quddiemha l-Qorti ghandha tilqa' t-talba jew le. Certament li r-raguni valida m'ghandhiex tkun wahda frivola ghax kif tghid l-istess ligi hlief fil-kaz tal-firma r-raguni trid tkun gravi u valida u dan jaghmilha cara li persuna ma tistax kapriccozament topponi tali ezekuzzjoni.*
>
> *Izda min-naha l-ohra l-legislatur ma eliminax ir-ricerka li ssir f'kawza skond id-dispozizzjonijiet tal-Kodici tal-Kummerc izda l-artikolu 253(e) u proviso tieghu gie rez bhala procedura (prima facie) diskrezzjonali f'idejn il-Qorti, bazat naturalment fuq ragunijiet validi u gravi. Huwa veru*

*li mkien fil-ligi ma jinstab il-kliem prima facie izda kien ikun bla sens li l-Qorti tidhol fid-dettalji kollha tal-proceduri soliti meta hekk jew b'hekk dawk il-proceduri ma gewx eliminati mil-legislatur, b'mod li jirrendi l-applikazzjoni gusta tal-ligi tittiehed f'dan is-sens*."

Is-soċjetà intimata teċċepixxi preliminarjament illi t-talba tar-rikorrent kif proposta ma ssegwix il-kriterji stabbiliti fil-liġi stante li m'huwiex qiegħed jintalab li l-eżekuzzjoni tiġi sospiża in toto jew in parte u li hija differenti minn dik proposta mill-proviso tal-artikolu 253(e) tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta.
Il-Qorti tikkunsidra li huwa minnu li r-rikorrent ma talabx speċifikament fir-rikors tiegħu li l-eżekuzzjoni tal-imsejħa *promissory notes* tiġi sospiża, iżda l-proviso tal-artikolu 253(e) ma jispeċifikax illi r-rikors għandu jkun fih talba għas-sospensjoni tal-kambjala jew *promissory note* taħt piena ta' nullita`, iżda jitlob biss rikors tal-persuna li tkun qiegħda topponi l-eżekuzzjoni '*minħabba illi l- firma fuq dik il-kambjala jew promissory note ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni.*'

Fil-każ tal-lum, ir-rikorrent qiegħed jitlob illi jiġu miċħuda t-talbiet ta' Anjake Limited, naturalment kif kontenuti fl-ittra uffiċjali msemmija, li fl-atti tagħha sar dan ir-rikors. Il-Qorti hija sodisfatta li r-rikors huwa wieħed validu skont l-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 għaliex huwa ċar illi r-rikorrent qiegħed jopponi l-eżekuzzjoni tal-imsejħin *promissory notes* u l-liġi ma teħtieġx formalita` aktar.

F'dan ir-rigward jiġi rilevat li huwa ormai stabbilit fil-ġurisprudenza li l-atti kemm jista' jkun għandhom jigu salvati biex issir ġustizzja sostanzjali fil-mertu tal-każ. Kif ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Michael Attard noe vs Raymond Galea tat-12 ta' Mejju 1998: '*ir-rigorozita` procedurali, u l-formalizmu esagerat rarament huma ambaxxaturi tal-gustizzja sostanzjali u ghalhekk ma ghandhomx normalment janimaw l-andament tal-kawza (Aquilina v. Ciantar Vol. XXVI.iv.666).*'

B'żieda ma dan, jirriżulta li s-soċjeta intimata qiegħda

tikkontesta wkoll it-talbiet attriċi fil-mertu u allura fehmet perfettament l-iskop tar-rikorrent f'dawn il-proċeduri. Għalhekk huwa ċar li ma nħoloq l-ebda preġudizzju lis-soċjeta intimata.

Għaldaqstant, din l-eċċezzjoni qiegħda tiġi miċħuda.

Fil-mertu, is-soċjeta intimata teċċepixxi li t-talbiet tar-rikorrent għandhom jiġu miċħuda għaliex *cheque* huwa ekwivalenti għall-*promissory note* u bħala dokument ta' kreditu jista' jiġi meqjus ukoll bħala ekwivalenti għall-kambjala u jgawdi mill-istess protezzjoni ta' kambjala.

Kif diġa ngħad, il-proċeduri odjerni huma intiżi sabiex il-Qorti, rinfaċċjata b'talba sabiex tissospendi l-eżekuzzjoni tal-kambjala jew *promissory note* skont il-każ, tqis jekk jeżistux raġunijiet *prima facie* gravi u validi sabiex ir-rikorrent jopponi l-eżekuzzjoni tagħhom. F'dan il-każ, jirriżulta li s-soċjeta intimata qiegħda tittanta li jitlob l-eżekuzzjoni sensiela ta' *cheques* li hija tgħid li huma l-istess bħal *promissory notes* u anke ekwivalenti għall-kambjali.

Madanakollu, l-interpretazzjoni li tagħti s-soċjeta intimata hija waħda żbaljata. Minkejja li kambjali, *promissory notes* u *cheques* huma simili, ċertament illi m'humiex l-istess. Il-liġi hija ċara li l-uniċi dokumenti ta' kreditu li huma meqjusa bħala titoli eżekuttivi huma kambjali u *promissory notes*. Li kieku l-leġislatur ried illi *cheque* ukoll ikollu s-saħħa ta' titolu eżekuttiv, kien isemmih f'dan l-artikolu. Mid-dibattiti parlamentari li ppreċedew il-promulgazzjoni l-att IX tal-2004, u ċjoe l-att li introduċa l-kambjali u *promissory notes* bħala titoli eżekuttivi, joħroġ ċar li l-intenzjoni tal-leġislatur qatt ma kienet li *cheque* għandu jiġu kkunsidrat bħala titolu eżekuttiv. Senjatament il-Qorti tagħmel riferenza għad-dibattitu tas-Seduta Parmanetari tal-5 ta' Lulju 2004 fejn ġiet spjegata l-proċedura introdotta fl-artikolu 253(e) u speċifikament ġie eskluż li din il-proċedura ser tkun qiegħda tapplika għal *cheques* b'dan illi ntqal li l-proċedura tista' tiġi estiża għal *cheques* aktar 'l quddiem,

naturalment billi tiġi emendata l-liġi.[1]

In kwantu li l-leġislatur għażel li ma jinkludix *cheque* mal-kambjala u *promissory note* li ġew miżjuda mat-titoli eżekuttivi meta daħal fis-seħħ l-Att X tal-2004, ifisser neċessarjament illi *cheque* m'huwiex ekwiparat la ma kambjala u lanqas ma *promissory note* għall-finijiet tal-artikolu tal-liġi in kwistjoni. *Ubi lex voluit dixit*. Li kieku l-leġislatur ried ikopri *cheques* ukoll ma kienx jilleġisla b'mod speċifiku u jsemmi kambjali u *promissory notes* biss.

Huwa veru li *cheque*, bħala kambjala u *promissory note* huwa kkunsidrat bħala titolu ta' kreditu, iżda l-liġi ma titkellimx dwar titolu ta' kreditu in ġenerali iżda speċifikament dwar il-kambjala u *promissory note*. L-esklużjoni ta' *cheque* minn din id-disposizzjoni tal-liġi kienet intenzjonata mill-leġislatur u ma tistax is-soċjeta intimata tippretendi li testendi l-interpretazzjoni tal-liġi sabiex ittiha tifsira li ma kinitx intenzjonata mill-leġislatur.

Fil-fehma tal-Qorti m'huwiex il-lok li fil-proċedura odjerna jsir studju dettaljat dwar x'inhuma d-differenzi u similaritajiet bejn dawn it-tlett dokumenti, biżżejjed li jingħad illi m'humiex l-istess u ċertament illi l-artikolu 253(e) tal-Kap. 12 ma jippermettix illi tintalab l-eżekuzzjoni ta' *cheques* daqs illi kieku kienu kambjali jew *promissory notes*. M'huwiex biżżejjed illi jingħad illi *cheque* jista' jiġi kkunsidrat illi huwa suġġett għal-liġi kambjarja għax dan ma jfissirx illi ż-żewġ dokumenti huma l-istess b'mod illi fejn il-liġi tispeċifika kambjala jew *promissory note* tinkludi wkoll *cheque*.

Għalhekk, il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrent ressaq raġunijiet gravi u validi għalfejn il-Qorti għandha tordna s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tac-*cheques* imsejħa *promissory notes* in kwistjoni.

Għaldaqstant u għal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qiegħda tilqa' t-talba tar-rikorrent Ronald Robert Balani u tordna s-sospensjoni

---

[1] Speċifikament ingħad hekk: '*Mela issa ser ikolli l-kambjali, minflok ma mmur għand nutar biex jiffirmahomli jew jiffirmali promissory note –* ***jien ngħid li kważi dwar iċ-ċekkijiet għandna nagħmlu jekk imma forsi għal dan naslu aktar 'il quddiem****...*' (Enfasi ta' din il-Qorti).

tal-eżekuzzjoni taċ-*cheques* li saret referenza għalihom fl-ittra uffiċjali numru 3916/2015 tal-25 ta' Novembru 2015.

Spejjeż jitħallsu mis-soċjeta intimata.

IMHALLEF

DEP/REG